MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 330/2010

**BANK OF VALLETTA p.l.c**

**vs**

**REDEEMER FURNITURE COMPANY LIMITED**
(C-24311)

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-7 ta’ April, 2010 li bih il-Bank attur, għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li l-Qorti:

(a) ssib li seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebiti bħala Dokument “A”u”C”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-soċjeta’ Redeemer Furniture Company Limited (a) naqset milli tħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjeta’ mittenti kif stipulata fl-

imsemmi kuntratt u skrittura, (b) kienet inadempjenti f'obbligi oħra minnha assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta' l-istess soċjeta Redeemer Furniture Company Limited li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita' tal-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta' attrici;
(b) tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' wieħed u tletin elf, mija u tlieta u tmenin ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€31,183.28) parti mill-bilanċ għad-debitu fil-"*Loan Account*" tas-soċjeta Maltese Consortium Holdings Limited mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok. "E1" sa "E2") flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mit-2 ta' Marzu 2010 sad-data ta' l-effettiv pagament; Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat in-nota mressqa fil-15 ta' Ġunju, 2010, mis-soċjeta' konvenuta li biha ammettiet t-talba kif dedotta fir-Rikors Maħluf;

Billi mill-ammissjoni tas-soċjeta' konvenuta, it-talbiet dedotti fir-Rikors Maħluf jirrizultaw pruvati;

Fuq ammissjoni tas-soċjeta' konvenuta tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet tal-Bank attur kif dedotti fir-Rikors Maħluf bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' konvenuta, u bl-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mit-2 ta' Marzu, 2010, sal-jum tal-ħlas effettiv.

Moqrija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------